MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2011

Appell Civili Numru. 118/2009/1

**Penelope Zammit**

**v.**

**Michael Briguglio**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici fis-17 ta' April 2009, li jaqra hekk:

"1. Illi l-attrici u l-konvenut izzewgu fil-knisja ta' Stella Maris, Tas-Sliema, fit-12 ta' Dicembru, 2003.

“2. Illi dan iz-zwieg gie iskritt fir-Registru Pubbliku ta’ Malta bhala Att bin-Numru Progressiv 2235 tal-2003 (**Dokument A**).

“3. Illi l-kunsens tal-attrici inkiseb jew bi zball dwar l-identita` tal-parti l-ohra, jew b’qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra li mix-xorta tieghu jista’ jfixkel serjament il-hajja mizzewga.
“4. Illi l-attrici zzewget meta l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, u l-partijiet kellhom nuqqas ta’ kapacita` li jassumu l-obbligazzjonijiet taz-zwieg.

“5. Illi dan iz-zwieg huwa kolpit b’simulazzjoni tant li l-kunsens kien vizzjat bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

“6. Illi l-partijiet isseparaw minn xulxin de facto u sussegwentement permezz ta’ kuntratt tal-10 ta’ Jannar 2007, fl-atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella.

“Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

“1. Tiddikjara li z-zwieg kontratt bejn Penelope Zammit u Michael Briguglio fit-12 ta’ Dicembru 2003, huwa null u bla effett ghal kull fini u effett tal-ligi ai termini ta’ Artikolu 19 ta’ Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

“2. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jannota u jiskrivi tali nullita` fir-rigward tal-Att li jgib in-Numru tar-Registrazzjoni 2235/2003.

“Bl-ispejjez kontra l-konvenut, li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.”

Rat ir-risposta guramentata pprezentata mill-konvenut li in forza taghha eccepixxa illi:

“1. Illi l-intimat jaqbel illi dan iz-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jigi dikjarat null u dan minhabba difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha u nuqqas ta’ kapacita` li jassumu l-obbligazzjonijiet taz-zwieg;

“2. Illi inoltre jaqbel illi z-zwieg kien simulat fis-sens li l-kunsens kien vizzjat bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali taz-zwieg.

“3. Illi z-zwieg ghandu jigi dikjarat null b’nuqqasijiet tal-kontendenti u ghalhekk l-intimat m’ghandux ibati l-ispejjez ta’ din l-istanza wahdu.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili, Sezzjoni Familja, fl-14 ta’ Dicembru 2010, li biha cahdet it-talba tal-attrici, bl-ispejjez jithallsu mill-istess attrici;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Ikkunsidrat illi l-attrici, f’din il-kawza, qed titlob lil din il-Qorti tiddikjara null iz-zwieg taghha mal-intimat. Hija tghid li l-kunsens taghha nkiseb b’qerq. Tghid li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju. Tghid ukoll li l-kunsens kien simulat ghax vizzjat b’eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu.

“Il-partijiet f’din il-kawza zzewgu wara relazzjoni ta’ aktar minn tlett snin. Ltaqghu meta l-attrici kellha tmintax-il sena u l-konvenut kellu hamsa u ghoxrin. Wara xi xhur bdew anke relazzjoni sesswali bejniethom. Bdew jghixu flimkien xi sitt xhur qabel izzewgu u dan wara li xtraw appartament flimkien. Xi tlett snin wara li zzewgu, fil-fatt xtraw appartament iehor u marru jghixu fih.

“Il-Qorti tibda biex f’dan il-kaz tirreferi ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-6 ta’ Novembru 1991, fil-kawza “**Anna Tonna vs Alexander Tonna**”, fejn il-Qorti rriteniet hekk:

““F’materja ta’ zwieg illi huwa ta’ ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b’hekk jirrendu z-zwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta’ kreditu likwidu jew responsabbilta’ ta’ xi kollizjoni imma f’kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccozament wara xi zmien ta’ zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta’ diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullamnet tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero’ dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta’ dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawza li ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubju.”

“Fil-kawza “**Joseph Zammit vs Bernadette Zammit**” (deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fis-27 ta’ Jannar, 2006), il-Qorti qalet hekk:

““Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fondamentali fil-ligi civili u cioe’ li z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jkun prezunt li jkun wiehed validu. Ghalhekk huwa dover assolut ta’ kull parti fil-kawza li taghmel prova sodisfacenti ta’ l-allegazzjonijiet rispettivi taghha dwar l-allegazzjoni cioe’ li z-zwieg kien null, ghaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.”

“Stabbilit dan il-principju, il-Qorti ser tghaddi biex tezamina wiehed wiehed il-kawzali invokati mill-attrici u tistudja jekk il-fatti ta’ dan il-kaz jaqghux fl-ambitu tal-provvedimenti partikolari tal-ligi kif konstantement interpretati minn dawn il-Qrati.

“Skond ma qalet il-Qorti fil-kawza “**Mary Farrugia vs Joseph Farrugia**”, (deciza mill-Qorti Civili Prim’Awla fit-13 ta’ Marzu, 1995), fir-rigward ta’ qerq:

““Biex tissussisti s-sitwazzjoni ravvisata fil-paragrafu in dizamina iridu jikkonkorru erba’ affarijiet: (1) il-qerq perpetrat bil-hsieb li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti; (2) li l-qerq ikun incida fuq il-kunsens tal-parti; (3) li l-qerq ikun

jirrigwarda xi kwalita’ tal-parti l-ohra; u (4) li din il-kwalita’ tkun tista’ mix-xorta tgahha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.”

“Fil-kaz in ezami, il-Qorti ma tirravvisa ebda wiehed minn dawn l-elementi. Il-partijiet kienu jafu lil xulxin sew qabel izzewgu. Sahansitra ghexu flimkien. Ma ngabet ebda prova li xi hadd mill-konjugi dahak bl-iehor. Seta’ kien hemm nuqqas ta’ apprezzament minn xi parti dwar xi element tal-karattru tal-parti l-ohra. Dan ma jistax pero’ jinghad li kien b’qerq, li minnu nnifsu jirrikjedi l-element ta’ volontarjeta’.

“L-attrici ssostni ukoll illi kunsens kien vizzjat bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u ghalhekk giet reza sitwazzjoni ta’ simulazzjoni. B’referenza ghas-simulazzjoni, il-Qorti tal-Appell, fit-30 ta’ April 2009, irribadiet il-principju b’dan il-mod fis-sentenza “Adrian Busietta vs Eileen Busietta”, (deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fit-30 ta’ April, 2009):

““Fid-duttrina jinghad li jkun hemm simulazzjoni meta, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra (jew it-tnejn) esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali, izda internament u b’att posittiv tal-volonta’ taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg (simulazzjoni totali), jew, dejjem b’dak l-att pozittiv tal-volonta’, tkun qed teskludi xi element jew proprjeta’ essenzjali ghaz-zwieg (simulazzjoni parzjali) – ara f’dan is-sens **Muscat vs Borg Grech noe**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta’ Awwissu, 1995. Kif jinghad ukoll minn O. Giacchi fil-ktieb “Il consenso nel matrimonio canonico” (Ediz. 1968 pagna 92),

*““Nell’animo del nubente, perche’ si abbia simulazione... occorre che vi sia non un’assenza della volonta’ matrimoniale, ma la presenza di una positiva volonta’ di escludere.” ”*

“Hawnhekk ukoll, il-Qorti ma ssib ebda prova tal-element ta’ volontarjeta’ li fin-nuqqas tieghu ma jistax jinghad li kien hemm simulazzjoni. L-attrici, fl-affidavit taghha, kif ukoll iz-zija taghha, fl-affidavit taghha, it-tnejn jispjegaw

difetti tal-konvenut, pero’ minn imkien minn dan kollu ma ssib din il-Qorti li dawn huma sinjali tal-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg.

“Mhux talli l-Qorti ma ssibx din l-eskluzjoni talli tara car l-ezistenza fuq citata tal-volonta’ matrimonjali. L-attrici, fl-affidavit taghha, tghid hekk:

“Wara ftit li konna ilna nohorgu flimkien, it-tnejn konna qbilna li ghandu jkollna post ghalina biex immorru nghixu fih, irrelevanti jekk nizzewgux jew le”;

“U mbaghad tghid hekk:

““Bil-mod il-mod dahlet l-idea li nizzewgu ukoll”.

“L-attrici tghid ukoll li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, u l-partijiet kellhom nuqqas ta’ kapacita’ li jassumu l-obbligu taz-zwieg.

“Fis-sentenza “**Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri**”, il-Prim’Awla tal-Qorti Civili (10 ta’ Novembru 1995), kellha dan xi tghid dwar dan il-caput nullitatis:

““Ikun hemm id-difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fis-sens ta’ l-ewwel parti tal-paragrafu (d) imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, fil-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b’mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta’ kritika – estimativa jew kritika – valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita’ affettiva li hija presuppost ghall-ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta’ diskrezzjoni, ghalhekk, ma hux sempliciment nuqqas ta’ riflessjoni, lanqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew decizjonijiet zbaljati – in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi prettament kompatibbli ma’ diskrezzjoni ta’ gudizzju.”

“U, il-Qorti tal-Appell, fil-kawza “**Janet Portelli vs Victor Portelli**”, (deciza fl-14 ta’ Awissu, 1995):

*““It seems that discretion of judgement or maturity of judgement can be lacking, if any one of the following three conditions or hypotheses is verified: (1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking; (2) when the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to the conjugal affair, that is a critical reflection apt for nuptial; (3) or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, that capacity deliberate with sufficient weighing of the motives and, on the part of the will, freedom (<u>autonomia</u>) from all force from within.”*

“Il-Qorti tqis li fil-kaz odjern, lanqas din il-kawzali ma tezisti. Antoinette Bartolo, zija tal-attrici tghid hekk fuq l-attrici:

““Ghalkemm Penny tfajla kwieta hafna, dejjem kellha sahha interjuri kbira ghal kontra ta’ Michael, li ghalkemm kellu hafna arja kienet tghidli hi kien fragli u paranojku. Kien dejjem jinkwieta x’ser jaghmel u x’ser jahsbu n-nies fuqu u jekk hux ser taghmel influenza fuq l-immagni politika tieghu. Penny kienet tiehu pacenzja, ittih is-support kollu, u tqawwilu qalbu anke jekk a detriment taghha. Avolja kienet tghaddi minn dan kollu xorta baqghet tistinka biex din ir-relazzjoni tahdem ghax kienet tahseb li meta thobb dejjem trid taghmel xi sagrificcji”.

“Din ghalhekk, ma kinitx mara priva serjament minn xi fakolta’ ta’ gudizzju. Anzi, minkejja l-eta’ pjuttost zghira taghha fil-konfront ta’ zewgha, kellha u wriet maturita’ u rieda bizzejjed biex gharfet in-nuqqasijiet ta’ zewgha u ppruvat issalva s-sitwazzjoni.

“Ir-ragel, min-naha tieghu, ukoll ma jidhirx li kien b’xi mod nieqes mill-fakoltajiet kritici kif spjegati fil-fuq citata sentenza “Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri”. Kellu hamsa u ghoxrin, kien akkademikament dotat, attiv fil-politika u kien gej minn ambjent pjuttost intellettwali. Ma jistax, f’nifs wiehed, jghid li kien jimmissja l-konversazzjonijiet intellettwali, u mbaghad fl-istess nifs jghid:

*““Marriage to me was something I was not thinking seriously about and went along with Penelope’s ideas and dreams without realising that I was entering into a web out of which I would find it increasingly difficult to extract myself from”.*

“Huwa jsostni li hassu obbligat jizzewwigha:

*““I felt pressured from all sides and wanted to do the honourabler thing especially not to disappoint my parents, Penelope and also her parents”.*

“Dan kien xhur qabel ma nxtara l-appartament, u xi sena u nofs qabel iz-zwieg. Kien donnu rega bdielu.

“Il-Qorti ssibha difficli tifhem kif dan seta’ baqa’ l-kaz ghal tant zmien wara. Lanqas ma tista’ l-Qorti, in-nuqqas ta’ helsien li issa qed jghid kien sokkombi ghalih fi zmien taz-zwieg meta l-istess persuna fi ftit xhur wara z-zwieg hassu liberu bizzejjed li jghid lil martu bi hbiberija gdida tieghu ma’ mara ohra.

“Omm l-intimat tghid hekk:

*““My husband and I always brought up our children liberally and encouraged them to think for themselves and make their own decisions. When, however, we did intervene and gave them advice, they probably felt a stronger than normal need to follow our advice”.*

“Il-genituri tal-intimat huma intelligenti u hassieba, u ghalhekk il-Qorti ma tistax temmen kif, jekk tassew binhom wera daqshekk dubbji qabel iz-zwieg, kif ma tawhx il-parir li jibqa’ guvni.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha:
“…thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fil-kawza fl-ismijiet premessi fl-14 ta’ Dicembru 2010 u minflok tilqa’ t-talbiet tal-attrici u

tiddikjara null u bla effett iz-zwieg bejn il-kontendenti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici appellata."

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi l-partijiet f'din il-kawza zzewgu fit-12 ta' Dicembru 2003, u milli jidher ma twieldux tfal minn din ir-relazzjoni. Il-partijiet isseparaw b'kuntratt li gie ffirmat fl-10 ta' Jannar 2007. L-attrici issa qed tallega, u l-konvenut jaqbel maghha, li dan iz-zwieg kien null peress li kien jezisti zball dwar l-identita` tal-parti l-ohra (Artikolu 19(1)(b) tal-Att dwar iz-Zwieg, Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta), il-kunsens inkiseb b'qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra (Artikolu 19(1)(c)), il-kunsens kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju (Artikolu 19(1)(d)), u ghax il-kunsens kien simulat (Artikolu 19(1)(f)).

L-ewwel Qorti, wara li semghet il-provi li ressqu l-partijiet, cahdet it-talba peress li ma jirrizultalhiex li kienu jezistu l-estremi ta' nullita`.

Il-konvenut appella u qed jillimita l-aggravji tieghu a bazi tal-Artikolu 19(1)(c)(d)u (f) tal-Kap. 255 imsemmi. Ghall-ennezima darba din il-Qorti jkollha tirrifletti fuq il-mod xejn professjonali kif il-partijiet iressqu kaz ta' annullament ta' zwieg ghall-konsiderazzjoni tal-Qorti. Il-kawzali jintefghu bl-addocc minghajr qies sew tac-cirkostanzi tal-kaz, bl-isperanza li xi kawzali tigi accettata; ezercizzju ta' fejn laqat laqat!

Din il-Qorti diversi drabi espremiet ruhha fuq il-htiega li l-kawzali jigu limitati u maghzula bir-reqqa, u aktar fuq l-inkopatibilita` bejn talba bazata fuq is-sub paragrafu (d) tal-Artikolu 19(1), u dik bazata fuq is-sub paragrafu (f) tal-istess artikolu. Jekk parti uzat id-diskrezzjoni taghha biex, b'att pozittiv, teskludi z-zwieg, ma jistax jinghad fl-istess nifs li dik l-istess parti kienet nieqsa mid-diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga.

Fil-kawza **Galea v. Galea**, deciza minn din il-Qorti fil-25 ta’ Marzu 2011, din il-Qorti ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet fir-rigward:

*“Trattat l-appell, din il-Qorti tibda biex tosserva li, kif diga` gie minnha osservat, l-attur ma jistax fl-istess hin isostni z-zewg kawzali li hu ressaq in sostenn tat-talba tieghu, peress li huma inkompatibbli wahda mal-ohra. Ma jistax jargumenta li hu jew martu kienu neqsin mill-kapacita` intelletwali mehtiega li jifhmu id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg, waqt li, fl-istess nifs, jallega li tant kienu jafu f’hiex dehlin li, b’decizjoni pozittiva, eskludew li jassumu dawn l-istess drittijiet u dmirijiet (ara, ghal aktar approfondament il-kazijiet decizi minn din il-Qorti* ***Arqueros v. Arqueros Moreno****, deciza fit-30 ta’ Lulju 2010, u* ***Baldacchino v. Yingchun****, deciza fit-3 ta’ Dicembru 2010).*

*“Sfortunatament, il-partijiet, fl-entuzjazmu biex jippruvaw jgibu l-annullament akkost ta’ kollox, ma jistudjawx bir-reqqa, flimkien mal-konsulent taghhom, ir-ragunijiet li jistghu wasslu ghal dikjarazzjoni kif mitluba, u minflok “jisparaw” diversi kawzali, bl-isperanza li xi haga jolqtu! B’dan il-mod, pero`, ma jarawx li qed jikkontradixxu lilhom infushom meta jallegaw li xi hadd kellu difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju, jigifieri, ma kienx f’posizzjoni jifhem ghal x’hiex diehel, izda, fl-istess hin, jallegaw ukoll li l-persuna tant kienet sharp intelletwalment, li fehmet kollox, izda ma rieditx tassumi d-drittijiet u d-dmirijiet li jirrizultaw miz-zwieg. L-attur, b'dan il-mod, waqqa’ l-kaz tieghu stess: ghax jekk kien kapaci jeskludi z-zwieg innifsu jew xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tieghu, allura mhux minnu li, fil-mument tal-kunsens, kien affett minn xi difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju dwar dawk l-istess elementi.”*

Din il-Qorti, qieset u ezaminat il-ftit provi li ressqu l-partijiet f’dan il-kaz u, bhall-ewwel Qorti qabilha, ma ssibx li gie ppruvat li dan iz-zwieg kien null. Mill-provi jirrizulta li l-bazi principali ghat-talba ta’ annullament tistrieh fuq l-allegazzjoni li l-konvenut dahal ghaz-zwieg minghajr hsieb tal-konsegwenzi. Dan ma jfissirx la li hu ma kienx kapaci

jifhem id-drittijiet u l-obbligi li jitnizzlu miz-zwieg, la li ma kienx jaf x'inhuma, u lanqas li eskludihom. Hu stess jghid li dahal ghaz-zwieg minghajr ma haseb fuq dak li kien se jidhol fih u ghaggel fid-decizjoni tieghu, pero`, ma jghidx li ma kienx jaf f'hiex diehel jew eskluda, b'att pozittiv, iz-zwieg. Hu jghid li ghalkemm jista' jkun huwa "akkademikament dotat", kif rrimarkat l-ewwel Qorti, hu ma kienx wizen sew il-konsegwenza tal-pass li kien ser jaghmel. Dan, pero`, jekk hu hekk, hu tort tieghu, ghax <u>kien kapaci</u> jizen il-konsegwenzi taz-zwieg. Kif jghid il-<u>Bersini</u>, "Il Diritto Canonico Matrimoniale", kwotat mill-konvenut fir-rikors tal-appell tieghu, il-konvenut kellu *"la maturita di giudizio capace di pondere in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita"*. Ghac-cirkostanza li l-konvenut, kif jghid, naqas li juza dik il-kapacita`, ma jahti hadd hlief hu, u dan in-nuqqas ma jwassalx ghan-nullita` taz-zwieg. Il-konvenut zgur li kien jaf li, f'dak iz-zmien, iz-zwieg iwassal ghall-impenn totali ghal hajtu kollha, u jekk injora dan l-impenn ma jfissirx li ma kienx jifhmu u lanqas li eskludieh.
Il-konvenut jghid li zzewweg ghax hass li hekk kienet qed tistenna minnu s-socjeta`. Dan ma jfissirx li gie mgieghel jizzewweg, lanqas li ma kienx jaf x'kien qed jaghmel. Bhal kulhadd, certi dubbji kellu, pero`, jghid li kellu "sens ta' ferh" li kien se jizzewweg. Il-partijiet, il-Qorti tirrimarka, ghamlu sitt xhur jikkoabitaw qabel ma zzewgu u dan wara li xtraw post fejn joqoghdu. Ma jghidux li ghalihom, dak l-istat ta' fatt ma kienx "familja", u l-fatt li wara ddecidew li jifformalizzaw dik l-unjoni juri li kienu jafu f'hiex dehlin. Jirrizulta wkoll li wara tliet snin zwieg, il-partijiet ikkonfermaw l-impenn lejn xulxin billi xtraw post iehor u marru jghixu fih bhala d-dar matrimonjali l-gdida.

F'parti ohra fix-xhieda tieghu, l-konvenut jghid li *"I was afraid of a binding commitment"*. Apparti l-fatt li hu xorta wahda, pero`, ha decizjoni li jizzewweg, hu qieghed hawn jikkontradixxi ruhhu, ghax filwaqt li, f'certu stadju, jghid li ma qiesx il-konsegwenzi tal-pass li kien ser jaghmel, issa qed jghid li qies dak il-pass u beza'! Dan juri li, fil-verita`, il-konvenut mhux biss kien matur bizzejjed biex jifhem ghal xiex diehel, izda gharbel sew is-sitwazzjoni tieghu, u

ghalkemm seta’ kellu xi dubbju, ried jikkuntenta lill-attrici u kien ferhan li kien sejjer jizzewweg.

Ma jirrizultax li xi parti kienet nieqsa mill-*“intellectual knowledge”* dwar l-iskop taz-zwieg, lanqas li xi parti ma kellhiex bizzejjed maturita` biex tirrifletti fuq dak il-pass jew li assolutament warrbet mill-hsieb taghha kull riflessjoni fuq dak li se jigri. It-tnejn kienu jiddiskutu zwieg, u l-konvenut ma deherlux li kellu jittermina r-relazzjoni mal-attrici, izda accetta li jaghmel il-pass li kien imiss, u cioe`, li jizzewweg.

Mill-provi lanqas ma jirrizulta xi qerq. Il-konvenut jghid li kien esprima l-hsibijiet u l-biza’ tieghu mal-konvenuta, izda wara diskussjoni hu accetta li jkompli bil-preparazzjonijiet ghat-tieg u hekk, fi kliemu, jaghmel *“the right thing”*. Dan ikompli juri li l-konvenut, qabel ma zzewweg, gharbel sew il-pass li kien se jaghmel, iddiskutih mal-attrici u familjari, u wara ha decizjoni li jkompli. Fl-atti ma hemm xejn x’jindika nuqqas ta’ maturita` jew nuqqas ta’ hsieb, u t-tnejn kienu liberi meta hadu d-decizjoni li jizzewgu.

Ic-cirkostanza, skont il-konvenut, li hu jigi minn *“an academic background”*, waqt li l-attrici kellha *“a very working-class background”*, ma jfissirx li z-zwieg kien null *ab initio*. Jista’ jkun li, minhabba f’hekk, il-konvenut hassu msajjem minn konversazzjoni intelletwali, kif jghid fl-affidavit tieghu, pero`, dan kien ovvju mill-bidu u xorta t-tnejn iddecidew li l-ewwel jghixu flimkien u wara li jizzewgu.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-konvenut Michael Briguglio billi tichad l-istess, u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.
L-ispejjez in prim istanza jithallsu mill-attrici kif ordnat l-ewwel Qorti, izda dawk ta’ dan l-appell ghandhom jithallsu kollha mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------